

# KWADRU FIL-MUŻEW TAL-KATIDRAL MDINA

Mario Fenech

F'waħda mit-toroq ewlenin ta' Ħal-Lija li minna tgħaddi l-purċissjoni bl-istatwa tas-S.S.M.U Salvatur, jiġifieri triq il-Forn tintrama kolonna imdaqqsa b'żewġ statwi fuqa fejn naraw lil Ġesu' ħdejn il-bir mal-mara qeda' tinghata l-ilma.

Din hija waħda mill-istatwi li tfakkarna f'episodju importanti mill-ħajja ta' Ġesu' Salvatur fuq din l-art. Iltqajt ma' kwadru interessanti li qiegħed fil-mużew tal-Katidral ta' l-Imdina li jirrakkonta din l-istess ġrajja. Dan il-kwadru huwa xogħol fuq ir-ramm ta' l-artist Lucio Massari minn Bologna fl-Italja li għex bejn is-sena 1569 u s-sena 1633. Id-daqs tiegħu hu ta' 36 ċentimetru b'29 ċentimetru. Kien ġie mgħoti lil mużew tal-Katidral it-2 ta' Novembru 1992 fuq ix-xewqa ta' Dr.John A. Cauchi skond ix-xewqa tiegħu stess kif miktuba f'testment li kien sar għand in-nutar Ewgenio Montanaro nhar is-17 ta' Marzu ta' l-istess sena.

Hawnhekk hawn min jgħid li dan kien wieħed minn dawk il-kwadri li kienu ġew magħżula biex isir il-wirja fis-swali ta' l-istitut kattoliku fil-Furjana waqt iċ-ċentinarju Pawlin fis-sena 1960. Kif għedt dan ix-xogħol juri lil Ġesu' mal-mara Sammaritana biswit il-bir fejn Ġesu' kien waqaf u talabha biex tgħatiħ jixrob ftit ilma. F'din ix-xehna il-figura ta' Ġesu' l-artist jippreżentha b'mod mill-isbah bil-kuluri ta' l-ilbies jispikkaw fuq il-kumplament tal-kuluri, filwaqt li ħareġ espressjoni ta' ħlewwa liema bħalha fuq wiċċ is-Salvatur tal-ġnus. B'idejħ ix-xellugija 'l fuq qiegħed jispjega lis-Sammaritana it-triq tas-sewwa. Lis-Sammaritana narawha bil-wieqfa isserraħ mal-bir bil-ġarra ta' l-ilma f'idejha filwaqt li b'mod mill-aktar naturali u b'espresjoni ta' grazzja fuq wiċċa qiegħda tisma' dan li qiegħed jgħidilha Ġesu'.

Mal-ġenb fuq in-naħa tax-xellug żewġ irġiel josservaw dak li qed jiġri quddiemhom b'ħarsa kurjuża, filwaqt li fil-kumplament tax-xogħol naraw bilanċ bejn il-bini u n-natura tal-madwar. Artist kapaci li ħoloq din ix-xena ferm sabiħa u iddettaljata speċjalment fil-paneġġi ta' l-ilbies ta' Ġesu' kif ukoll fl-għażla tal-kuluri wżati.

Il-festa t-tajba lil kullħadd!

# KWADRU FIL-MUŻEW TAL-KATIDRAL MDINA.

